# L-Onor. Prof. Sir Themistocles (Temi) Żammit u t-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra

## B'Tislima lis-Sur Joseph S. Ellul

*(Għalliem u Studjuż fl-Arkeoloġija)*

**Riċerka ta' Martin Formosa**

It-Tabib Sir Temi Żammit (1864-1935) kellu tliet karrieri importanti f'ħajtu. Huwa kien amministratur, tabib u arkeologu. Bħala amministratur huwa mexxa l-Università ta' Malta bħala Rettur mill-1920 sa l-1926. Fil-karriera tiegħu bħala tabib huwa ta kontribut sinifikanti biex ġie identifikat il-mikrobu tad-Deni Rqiq magħruf bħala l-*Brucellosis*. L-arkeoloġija wasslitu sabiex fl-1904 jilħaq Direttur tal-Mużew tal-Arkeoloġija u wkoll ikollu rabta mal-Qrendi permezz taż-żewg tempji preistoriċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Temi Żammit twieled fit-30 ta' Settembru 1864 fil-Belt Valletta. Huwa studja fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta fejn iggradwa bħala tabib fl-1889. Huwa speċjalizza bil-bakterjoloġija f'Londra u f'Pariġi. Meta laħaq Direttur tal-Arkeoloġija huwa daħal responsabbli biex tkompla l-eskavar tat-tempji ta' Ħaġar Qim u tal-Imnajdra, Ħal Tarxien u tal-Katakombi ta' San Pawl tar-Rabat, Malta.



Is-Sur Joseph S. Ellul

Temi Żammit daħħal sistemi xjentifiċi fl-iskavar, xi ħaġa li kienet nieqsa ferm meta fl-1839, il-Gvernatur Ingliż Sir Henry Bouverie (1783-1852), awtorizza lil Sir Vincent Casolani, Kollettur tad-Dħul Pubbliku tal-Gvern ta' Malta biex jiskava a spejjeż tal-Gvern Malti t-tempju l-qadim ta' ħdejn il-Qrendi, jiġifieri Ħaġar Qim. Casolani inkariga lil J.G. Vance tar-*Royal Engineers* biex jissorvelja x-xogħol billi Vance kien xogħlu jagħmel is-*surveys*. Ta'min jinnota li t-Triq tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi hija msemmija għal dan il-personaġġ. Din l-iskavazzjoni saret bejn Novembru 1939 u Jannar 1840. Wara li sar dan, Bouverie qabbad lil Lieutanant William Foulis tad-59 Reġiment biex jipprepara pjanta tal-post flimkien ma' Vance u dawn jgħadduha lis-*Society of Antiquaries*. Fl-osservazzjonijiet li għamel Vance f'ittra li kien bagħat lis-Segretarju tas-Soċjetà kien xebbaħ l-istatwi li nstabu mal-alla Vishnu tar-reliġjon Hindu u li bħala bini kien jixbaħ ħafna lil dak misjub f'Avebury, Stonehenge.

Fis-26 sena ta' wara kienu bosta dawk il-Maltin u persunaġġi oħra mill-Ewropa ta' Fuq li kitbu u anke komplew jagħmlu xi skavar f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Fil-fatt fl-1852, l-arkeoloġista Charles Newton (1816 – 94) waqt żjara f'Malta fi triqtu lejn Lesbos biex jinħatar Viċi Konslu u biex jieħu ħsieb l-interessi tal-*British Museum* fil-pajjiżi tal-Lvant, kien bagħat żewġ karettuni mimlija biċċiet tal-fuħħar preistoriku minn Ħaġar Qim u l-Imnajdra lejn il-Mużew ta' Malta. Dan kien bagħat ukoll xi kampjuni ta' fuħħar fil-*British Museum*. Sa dan iż-żmien persuni Maltin kienu ġeneralment esklużi milli jieħdu



R. I. P.

Gesù, hniena! (100 jum Indulg.)
Gesù, Marija, Ġużeppi.
(7 snin u 7 Kwarant. Indulg.)

IMPRIMATUR
*Datum in Curia Ep.ali Melit die 27 Novembris 1935.*
CAN. P. GALEA VIC. GEN. ET LOCUMTENENS

✝

WARA HAJJA SABIHA
TA' WIEHED U SEBGHIN SENA
MGHODDIJA SA L-AHHAR SIEGHA
F'XOGHOL FEJJIEDI
BI HSIEBU MERFUGH LEJN ALLA
U MWETTAQ BIS-SAGRAMENTI TIEGHU
BLA LEWMA U BLA BIŻA
NIZEL FIR-RAQDA TAL-MEWT
**l-On. Prof. Sir THEMISTOCLES ZAMMIT**
Kt., C.M.G., M.D., D. Litt (Oxon)
NHAR IS-SIBT 2 TA' NOVEMBRU 1935
AHNA LI GHARAFNIH MIL-QRIB
U HABBEJNIH GHAT-TJIEBA TA'QALBU
GHALL-HLEWWA TA' KELMTU
MA NINSEWH QATT
FIT-TALB TAGHNA.

Santa tal-mewt ta' Sir Temi Żammit

xi forma ta' reponsabbiltà arkeoloġika u l-unika nies lokali involuti kienu ħaddiema tal-id u oħrajn sabiex jipprovdu trasport.



Mudell tat-tempju ta' Ħaġar Qim



Ħaġar Qim qabel ma ġie skavat



Kartolina li turi diversi statwetti misjuba fit-tempji

Bit-twaqqif tal-*Malta Historical and Scientific Society* fl-1865, l-intellettwali Maltin ġew involuti ferm aktar u inbidel il-mod ta' kif wieħed jistudja l-passat b'metodi moderni speċjalment bil-miġja tal-Ġeoloġista Taljan Arturo Issel (1842–1922). Dan kien responsabbli għall-iskavar ta' Għar Dalam.

Wara dan il-perjodu daħal fix-xena Themistocles Żammit fejn il-Valletta Museum ġie integrat fis-Servizz Ċivili bħala d-Dipartiment tal-Mużew. Temi Żammit mill-ewwel ħa f'idejh l-iskavar f'Ħal Saflieni u f'xi għaxar postijiet oħra. Żammit ħa l-inizjattiva li jittrasporta ġebel dekorat minn Ħaġar Qim u Buġibba għall-Mużew sabiex jiġu kkonservati u nħadmu kopji oħra li tqiegħdu minn flokhom. Billi ħafna sidien kienu jeqirdu l-fdalijiet antiki li jinstabu fil-proprjetà tagħhom sabiex l-art ma titteħidtx mingħandhom, fl-1925 għaddiet il-liġi msejjħa *Antiquities Protection Act*. Saret esproprazzjoni ta' artijiet fil-viċinanzi tat-tempji sabiex titkompla l-iskavazzjoni u nbnew ħitan protettivi mat-tempji. Ġew maħtura kustodji sabiex jieħdu ħsieb li ma ssirx ħsara lil dawn is-siti preistoriċi.

Fost dawn il-Kustodji kien hemm missier Joseph S. Ellul (1920–2011), Karmnu Ellul msejjaħ Ċisri li kien jieħu ħsieb it-Tempju ta' Ħaġar Qim. Huwa kien l-imgħallem li f'idejh kien ġie fdat ix-xogħol tat-tkomplija tal-iskavar minn Sir Temi Żammit. Joseph S. Ellul li miet fit-28 ta' Marzu 2011 kien persunaġġ li trabba ġot-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Joseph kiteb u ppubblika diversi kitbiet dwar dawn it-tempji u żviluppa diversi teoriji li wieħed jista' jaqra dwarhom anke fuq l-internet.

Huwa kien jisma' lil missieru jirrakkonta fuq x'instab fl-ewwel eskavazzjoni għaliex bużnannuh kien ħa sehem f'dak ix-xogħol bikri. Fil-fatt huwa jirrakkonta kif kien instab skeletru ta' tifel f'armarju tal-ġebel li hemm fil-kamra tan-naħa tal-lemin hekk kif tidħol fit-tempju t'isfel tal-Imnajdra. Dan it-

tempju tal-Imnajdra kien ġie fdat f'idejn Indri Mifsud taċ-Ċuna sabiex jagħmilha ta' Kustodju. Wara xi żmien Temi Żammit kien ħatar lil Ġużeppi Mifsud ta' Kos (1896–1976) minflok Indri.

Billi Ġużeppi Mifsud kien jaħdem fil-barrieri taż-żonqor li hemm imdawrin fix-xagħra, kienet aktar faċli għalih li jagħmel sorveljanza u fl-istess ħin kien jagħmilha ta' gwida għall-viżitaturi li kienu jżuru l-post. Il-ħlas tal-kustodja kien ta' Lm30 f'sena u dan l-ammont baqa' sal-aħħar qatt ma żdied. Dan ix-xogħol kien baqa' jsir mill-familja Mifsud sas-sena 1986.

Dawn it-tempji uniċi huma ta' attrazzjoni kbira għall-barranin li jżuru l-Gżejjer Maltin u juru li ċ-ċiviltà f'Malta bdiet eluf kbar ta' snin ilu. L-istorja ta' dawn il-Gżejjer hija ferm u ferm kbira meta mqabbla maċ-ċokon ta' pajjiżna. Aktar ma' wieħed jitgħallem aktar jkun jista' japprezza dawn il-ġawhar li bihom hu miżgħud pajjiżna.

**Referenzi**

An Archeology of the Senses. Prehistoric Malta –**Dr. Robin Skeates**. ( Oxford University press 2010)

Malta Prehistory and Temples. **David H. Trump.** (Midsea Books 2002)

Malta's Prediluvian Culture at the Stone-Age Temples with special reference to Hagar Qim, Ghar Dalam, Cart- ruts, Il-Misqa, il-Maqluba and Creation - **Joseph S. Ellul.** (Malta: Printwell, 1988).

IFRAĦ BILLI TGĦIN

Aqsam dak li Alla pprovdielek ma' min hu anqas ixxurtjat minnek. Għin lill-anġli tad-Dar tal-Providenza.

